MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2008

Numru 474/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**Spettur Nezren Grixti**
**V**

**MALCOLM SCHEMBRI**
**GILBERT DIMECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MALCOLM SCHEMBRI** ta’ sitta w ghoxrin sena bin Joseph u Maria Concetta nee Caruana, imwieled Pieta nhar l-ghaxra ta’ Settembru 1981 u residenti 6, Triq il-Kamelja, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 522781M u **GILBERT DIMECH** ta’ disgha w ghoxrin sena bin Carmelo w Ester nee Cucciardi, imwieled Pieta nhar l-ghoxrin ta’ Dicembru 1978 u residenti 35, Triq il-Qalb Imqaddsa, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita numru 19379M gew imressqa quddiemha akkuzati:

1. Talli fl-erbgha w ghoxrin ta’ Mejju 2008, fil-hinijiet ta’ bejn s-sebgha w nofs ta’ filghaxija w t-tmienja w nofs ta’ filghaxija, matul il-loghba football bejn Hamrun kontra Birkirkara fl-Istadium Nazzjonali ta’ Ta’ Qali, b’diversi atti maghmulin minnhom, b’risoluzzjoni wahda, attakkaw u/jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hekk li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku u cioe l-Ispettur Mario Tonna, l-Ispettur Nezren Grixti, SM 86 A. Lia, PS 201 S. Magro, PS 222 J. Camilleri, PS 426 A. Portelli, PC 934 O. Bilocca, PC 1112 G. Buhagiar u membri ohra tal-Korp tal-Puliizja filwaqt li kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skon dl-ligi mill-Awtorita kompetenti;

2. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ingurjaw jew heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuna tal-membri tal-Korp tal-Pulizija msemmija fl-ewwel akkuza, nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku li kienu qed jghamlu dan is-servizz jew minhabba li kienu qed jghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu fuqhom jew li jbezzghu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, heddew lil istess Ufficcjali Pubblici bi kliem;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kisru voluntarjament l-bon ordni w il-paci pubblika;

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbew ghal istess Ufficcjali Pubblici msemmija sabiex jingurjaw jew jghamlulhom hsara;

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi m’obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulziija jew ma hallewx jew fixklu waqt li kienu jghamlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod, bla jedd, indahlu fl-istess dmirijiet billi ma hallewx lil membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li bil-ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassru jew gabu fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala Awtorita kienu ghamlu;

7. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qalu kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha;

8. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xewwxu gemgha ta’ nies li hekk imxewwxa jingabru f’numru ta’ ghaxra jew aktar sabiex jghamlu reat

jew hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jghamlu reat;

9. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi pubblikament xewwxu persuni ohra sabiex jinholoq reat;

10. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi pubblikament xewwxu persuni ohra sabiex jiksru l-ligi;

11. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uzaw kliem offensiv lejn il-membri tal-Korp tal-Pulizija msemmija aktar 'l fuq fl-akkuza;

12. Lil Gilbert Dimech wahdu talli fl-istess hin u cirkostanzi, fl-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun bil-hsieb li jtellef l-gieh jew inaqqas il-gieh tal-Ufficcjali tal-Pulizija msemmija, b'kitba, disinji jew b'xi mod iehor immalafamhom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta mal-imputat Gilbert Dimech bhala li huwa recidiv b'sentenzi li saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-artikolu 9 tal-Legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta billi tinfliggi l-piena massima u tordna lil imsemmija persuni li ma jattendux fi *sports grounds* ghal perjodu massimu permess mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Gilbert Dimech nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2008 esibita bhala Dok. CSH 1, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Malcolm Schembri nhar it-tmintax ta' Mejju 2008 esibita bhala Dok. CSH 2, l-fedina penali tal-imputat Gilbert Dimech esibita bhala Dok. CSH 3, l-fedina penali tal-imputat Malcolm Schembri esibita bhala Dok. CSH 4, l-estratt mill-att tat-twelid tal-imputat Malcolm Schembri esibit bhala Dok. CSH 5, l-estratt mill-att tat-twelid tal-imputat Gilbert Dimech esibit bhala Dok. CSH 6 w il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta liema dokument huwa mmarkat bhala Dok. CSH 8.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan kif jirrizulta mill-ezami mizmum illum ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, s-sebgha w ghoxrin ta’ Mejju 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront taghhom u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li z-zewg imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ghaldaqstant, **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi fuq citati u cioe l-artikoli 92, 95, 96, 338(e), 338(ee), 338(dd), 339(d), 342, 68, 69, 70, 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.33 tal-Kap 10**, tiddikjara li ssib lil imputati MALCOLM SCHEMBRI u GILBERT DIMECH hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom fuq ammissjoni taghhom stess.**

**Dwar il-piena, il-Qorti tiddikjara li qed tikkundanna lil imputat MALCOLM SCHEMBRI ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ hames mitt (500) Euro filwaqt li tikkundanna lil imputat GILBERT DIMECH ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ elf mija u sittin [1160] Euro.**

**Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed taghti l-fakulta liz-zewg imputati li jhallsu l-multa nflitta fuqhom b’din is-sentenza fi**

**zmien tlett (3) xhur u f'kaz li l-imputati jonqsu li jhallsu, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Oltre dan qed tipprojbixxi liz-zewg imputati milli jersqu lejn kwalsiasi *ground* tal-*football* ghal perjodu kollu tal-istagun 2008/2009.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------